# *10*

## *Salott tar-Residenza Blache. Fil-ghaxija*

*Blache bil-wieqfa. Sa Blache bil-qieghda, quddiem mera kbira.*
*Fil-vicin, recorder. Azur, il-kelba.*

| | |
|---|---|
| MAD BLACHE | Tajba kienet Nicolas |
| BLACHE | Ma tahsibx li twila zzejjed ? |
| MAD BLACHE | Irrekordjawni<br><br>Qed tara hiereg id-dmugh minn ghajnejja |
| BLACHE | Ghalihom dejjem twila hafna ghandi biza' kbir fuqi Caroline<br><br>Dak li huwa verament importanti li nghidilhom jekk nghidu f'daqqa in-nies jehduh u mhux tajjeb<br><br>Jekk nibda iktar bil-hlewwa kif ghamiltha issa u nibni l-emozzjoni bil-ftit il-ftit<br><br>X'hin inkun wasalt ghall-veru importanti imbaghad jaqtghuli kliemi<br><br>F'dawn il-programmi dejjem jinterrompuk |
| MAD BLACHE | Hemm tant xi tghid<br><br>Ipprova qassar |
| BLACHE | Infernali |
| MAD BLACHE | Tinnervja xejn hemm bzonn iktar minn darba biex tghid xi haga |

| | |
|---|---|
| | Il-kamra tal-gass<br><br>Meta kont ghedt li kemm-il darba hsibt fil-kamra tal-gass biex tehles minna t-tnejn |
| BLACHE | Imma jkun dizastruz jekk f'daqqa wahda jaqtaghli kliemi timmagina? |
| MAD BLACHE | U l-AIDS malli hargitlek minn halqek dik qed tieklok minn gewwa qghad AIDS huma l-istess gwerra |
| BLACHE | Forsi ahjar tghidha int dik |
| MAD BLACHE | Ma thallix l-istess impatt<br><br>Int biss tista' tghidha naqra iktar bil-mod u minghajr ma toqghod tfittex il-kliem<br><br>Taf kif jibdew iharsu n-nies |
| BLACHE | Waqt li jkunu qed jieklu |
| MAD BLACHE | Ahna naghmluha tajjeb |
| BLACHE | Stenna naqra ha nerga' nismaghha<br><br>*(ippoggi r-recorder fuq "play". Vuci ta' Blache rrekordjata)*<br><br>inkunu nhazzu fl-ilma hadd m'ghandu bzonna ma niswew xejn aktar mohhna nixhtuh go armarju Maqtughin barra. L-ohrajn poggewna mar-reserves iwarrbuk nitfghuk mal-genb<br><br>(*jaghfas fuq "stop")*<br><br>dan x'inhu? |
| MAD BLACHE | Imma kollu minnu |

| | |
|---|---|
| *BLACHE* | Mhux dan li hemm bzonn jintqal<br><br>*(jaghfas "record" u jibda jitkellem)*<br><br>Xjuh?  L-ohrajn jghiduhom dawn l-affarijiet dan l- ilhna qattiela li bhal virus jattakkaw l-mudullun ta' l-ghadam<br><br>Xjuh?  Iss ejja ha mmorru xjuh le imma nawfragati hemm bzonn insalvaw u nkomplu nghixu norganizzaw ruhna fuq gzira gherja biex nattwaw dan it-tir uniku nerga' nibda mill-gdid<br><br>Biex nattwaw dan il-ghan  doppju niehdu hsieb kif nidhru u nibghatu sinjali nerga' nibda mill-gdid<br><br>Biex nattwaw dan il-ghan  tripplu niehdu hsieb kif nidhru nibaghtu sinjali u nahtfuhom<br><br>*(Jaghfas fuq "stop")* |
| MAD BLACHE | Kienet hafna ahjar Nicolas ghaliex waqaft? |
| BLACHE | Twil wisq |
| MAD BLACHE | U le!<br><br>Vincent Bonnemalle l-immagini tan-nawfragu se toghgbu |
| BLACHE | Hija l-fulkru ta' dak kollu li ghandi nghid iggongi ma' li gej wara |
| MAD BLACHE | Taf x'irrid nghidlek biss importanti li ma tidhirx qed tirrecta |
| BLACHE | E mela! Naqbel! |
| MAD BLACHE | Hemm bzonn li tibqa' spontanja<br><br>Bhallikieku din kienet qed tigik f'rasek fl-istess moment li qed |

| | |
|---|---|
| | tghidha<br><br>Hija ghal din ir-raguni probabbilment li jaghtuk il-parir ma tirrepetix hafna |
| BLACHE | Jekk jaqtghuli kliemi Caroline<br><br>Nitlef il-fil<br><br>*Icempel it-telefown.  Sa Blache tgholli r-receiver.* |
| MAD BLACHE | Min? Oh!<br><br>Vincent Bonnemalle ghalik Nicolas! |
| BLACHE | Hello! Iva !  Jien kollu kemm hu!<br><br>Iva oh iva<br><br>Mela le<br><br>Fhimtek iva<br><br>*(jaqta ')*<br><br>il-hin li ma jintqal xejn<br><br>laqgha mieghu gewwa Parigi int u jien ghada fil-hdax u nofs ta' fil-ghodu ghall-prova |